MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2014

Numru 15/2014

**Ammissjoni Nru: 15/2014**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Dmitrijus Zdorovcevas**

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-konfront ta' Dmitrijus Zdorovcevas talli:

F'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer fil-11 ta' April, 2011 u fil-jiem ta' qabel din id-data:-

1) Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika f'Malta mediċina (eroina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina psikotropika u speċifika (benzodiazepine) f'Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendat jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni;

3) Importa, jew offra li jimportata mediċina psikotropika u speċifikata (benzodiazepine) mingħajr ma kien awtorizzat kif imiss bi ksur tad-desposizzjoni tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendat;

4) Ikkonsenja, qassam ittraffika, biegħ jew offra li jikkonsenja, jittraffika jew ibiegħ mediċina psikotropika u speċifikata (benzodiazepine) lil xi persuni oħra li ma kinitx spiżjar diriġent jew li xort' oħra ma tkunx awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollha fil-pussess tagħha dik il-mediċina bi ksur tad-desposizzjoni tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendat;

5) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u speċifikata (benzodiazepine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-desposizzjoni tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat, liema mediċina instabet f'tali ċirkostanza li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tieghu;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti Istruttorja tat-22 ta' Ottubru, 2014, fejn l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontriħ u ikkonferma tali ammissjoni anke wara illi dik il-Qorti tgħatu żmien biex jikkunsidra il-posizzjoni tiegħu.

Rat id-diġriet ta' din l-istess Qorti, datat 22 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti ai termini tal-artikolu 395B(4) tal-Kodiċi Kriminali appuntat il-kawża għas-smiegħ għal nhar il-Gimgħa 14 ta' Novembru, 2014.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Ottubru, 2014, fejn iddikjara illi ai termini tal-Artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputazzjonijiet adebitati lill-imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u li għalihom ammetta l-imputat fis-seduta ta' nhar il-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) għandhom jitqiesu bħala att ta' akkuża ai fini u effetti kollha tal-liġi.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Dmitrijus Zdorovcevas, preżentat fis-7 ta' Novembru, 2014, fejn qablu illi tenut kont tal-ammissjoni l-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-akkużat minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun il-piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' ħames (5) snin, flimkien ma' multa ta' tlieta u għoxrin elf Ewro (€23,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassativa għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u il-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u immobbli appartenenti lill-istess akkużat. Din il-piena qegħda tiġi maqbula bejn il-partijiet specifikatament minħabba ċ-ċirkostanzi ferm pekuljari li dan il-każ kriminali huwa msejjes fuqhom.

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet tiddikjara lill-akkużat Dmitrijus Zdorovcevas ħati talli:

F'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer fil-11 ta' April, 2011 u fil-jiem ta' qabel din id-data:-

1) Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika f'Malta mediċina (eroina), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni bi ksur tal-artikolu 22(1) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina psikotropika u speċifika (benzodiazepine) f'Malta bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendat jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni;

3) Importa, jew offra li jimportata mediċina psikotropika u speċifikata (benzodiazepine) mingħajr ma kien awtorizzat kif imiss bi ksur tad-desposizzjoni tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendat;

4) Ikkonsenja, qassam ittraffika, biegħ jew offra li jikkonsenja, jittraffika jew ibiegħ mediċina psikotropika u speċifikata (benzodiazepine) lil xi persuni oħra li ma kinitx spiżjar diriġent jew li xort' oħra ma tkunx awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollha fil-pussess tagħha dik il-mediċina bi ksur tad-desposizzjoni tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendat;

5) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u speċifikata (benzodiazepine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-desposizzjoni tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha. Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendat, liema mediċina instabet f'tali ċirkostanza li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tieghu;

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena nflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie ffurmat il-ġuri u li saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti tħoss li f'dan il-każ partikolari għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula fis-7 ta' Novembru, 2014.

Din il-Qorti għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 22(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 40A u 120A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u ir-Regolamenti 2 u 3 tal-Avviż Legali 22 ta' l-1985 u l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil ħati Dmitrijus Zdorovcevas il-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' ħames (5) snin, flimkien ma' multa ta' tlieta u għoxrin elf Ewro (€23,000). Kif ukoll tikkundannaħ iħallas is-somma ta' tmien mija u ħamsa u disgħajn ewro u disgħajn ċentezmu **(€895.90),** rappreżentanti l-ispejjeż tal-periżji nkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati.

Tordna wkoll li jekk l-ispejjeż tal-periżji ma jitħallsux fi żmien sittin ġurnata mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi zmien ħmistax il-jum mil-lum - li d-droga eżebita hija meħtiega in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha eżebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tar-Reġistratur tal-Qorti u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u iġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------